MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1407/2001/1

**M.A.M. Company Limited.**

**-vs-**

**Caruana Enterprises Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fid-2 t' Awwissu, 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuti hija debittrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sebat elef, tmien mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm7,833.82) rapprezentanti

bilanc ta’ prezz ta’ merce mibjugha u debitament ikkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici fuq ordni ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, xorta wahda baqghet ma hallsitx l-ammont kollu dovut.

Illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta kif l-istess socjeta’ attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata taghha.

Illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici u tar-rapprezentant taghha s-socjeta’ konvenuta m’ ghandhiex eccezzjonijiet x’ taghti.

Illi ma’ din ic-citazzjoni qed jigi pprezentat affidavit (Dok “A”).

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundannha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebat elef, tmien mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm7,833.82) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merce mibjugha u debitament mis-socjeta’ attrici.

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 22 ta’ Jannar 1999.

Is-socjeta’ konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu illi jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 t' April, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Billi ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici mhijiex kontradetta.

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti;**

**Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Caruana Enterprises Limited li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, tmien mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm7,833.82) oltre l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jigu sopportati kollha mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------